**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 25**
**Citaz. Nru. 1010/97 FDP**

**Joseph Mangion**

**Vs**

**Alfred u Antonia mizzewgin Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur ghandu jircievi minghand il-konvenut s-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2200) liema somma giet mislufa lill-konvenuti mill-attur;

Premess illi jirrikorru l-provedimenti ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-ammont hu cert, likwidu u skadut u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni x'jissollevaw kif jirrizulta wkoll mill-anness affidavit ta' l-attur Dok A;

Premess illi l-konvenuti gew interpellati biex ihallsu din is-somma izda baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2200) kif hawn fuq spjegat u dana bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza fit-termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-16 ta' April 1997 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikat u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attturipprezenta din ic-citazzjoni fejn talab li il-konvenuti jigu kundannati jirrestitwixxu s-somma ta' Lm2200 bilanc minn ammont li kien gie misluf lill-konvenut; skond l-affidavit pprezentat mill-attur kien anki silef somma ohra precedentement u dan is-self din id-darba kien ta' Lm6300 li minnhom il-konvenuta hallset Lm4000;

Illi l-konvenuti gew debitament notifikati izda ma pprezentaw ebda nota ta' l-eccezzjonijiet izda jidher li huma jafu x'kien qed jigri u skond il-verbal tas-7 ta' Novembru 2001 jidher li huma kienu precedentement talbu lil Dr. Aaron Bugeja biex jidher ghalihom u skond il-verbal tat-30 ta' Jannar 2002 huwa informa lill-Qorti li kien kitbilhom;

Illi jidher li anki fil-mori kien hemm bosta tentattivi ghal ftehim pero` ghalkemm kien hemm diversi differimenti, il-posizzjoni ma nbidlitx;

Illi ghalhekk jidher li l-attur irnexxielu jipprova l-pretensjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2200) kif mitluba fic-citazzjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur